naraw ħafna żgħażagħ imħeġġa għal ilsien art twelidhom jiktbu b'sengħa kbira u jżejnu lsienna bix-xogħlijiet tagħhom. Li kieku llum wieħed kellu jagħmel għażla għaqlija mill-kitba li dehret f'dawn is-snin fir-rivista "Il-Malti" biss, kieku kien igħaqqad l-isbaħ antoloġija; ħsieb li forsi għad iseħħilna nwettqu. Aħseb u ara jekk tqis il-kotba ta' livell għoli li nkitbu sforz l-interess li qajmet l-Akkademja. Kienet ir-rivista li fetħet il-paġni tagħha fejn il-kittieba setgħu juru t-talent tagħhom.

Ir-rivista tilqa' fi ħdanha kitba, hi ta' min hi, jekk għandha livell għoli biżżejjed li jagħmel ġieħ lill-Malti u jkabbar il-letteratura u l-kultura tagħna. Ma tidħirx fiha kitba biss għax kitibha dan jew dak li ismu llum ħa postu jekk il-kitba ma tlaħħaqx mal-livell tar-rivista u lanqas ma nbarru minnha lil dawk li għadhom bla isem fil-letteratura imma li l-kitba tagħhom tlaħħaq mal-livell. "Il-Malti" mhux miftuħ għal kulħadd imma għal kull kitba ta' livell għoli ta' kulħadd.

"Il-Malti" jfaħħar dak kollu li hu sabiħ u jilqgħu, jagħmillu l-qalb u jmexxih, waqt li jeħodha kontra dak kollu li jwaqqa' l-ġieħ tal-Malti u jbaxxi l-livell tal-kultura tagħna.

L-Akkademja tieħu pjaċir u tilqa' bil-ferħa kull studju serju u pubblikazzjonijiet bil-Malti fuq kull suġġett li jgħollu l-kultura Maltija. L-Akkademja mhix biss biex tgħallem kif jinkiteb il-Malti kif xi wħud jaħsbu imma li tmexxi, tħeġġeġ u tqawwi l-qalb lil kull min jagħmel ġieħ lil art twelidu permezz tal-kitba Maltija li trid tkun fl-oqsma kollha tal-kultura, ibda mil-letteratura sax-xjenza jew mill-mużika sal-filosofija u t-teoloġija.

B'dan l-ideal dħalna li mmexxu r-rivista għad li fi żmien diffiċli u mwiegħer imħabba d-diffikultajiet ta' l-istampa u l-karta. Imma jekk insibu l-għajnuna nibqgħu mixjin 'il quddiem. Ix-xewqa tagħna mhix biss li nwasslu kitba siewja u fejjieda lill-qarrejja imma li nwassluhielhom ta' spiss ukoll. Forsi għad jasal iż-żmien ukoll li dan iseħħilna u ma jdumx.

---

# IL-PROFESSUR ĠUŻE' GALEA

minn

**DR. WALLACE PH. GULIA, LL.D., B.A., B.Sc., Ph.C., M.A., D.P.A. (Lond)**

**— PRESIDENT TA' L-AKKADEMJA —**

*BĦALA l-ewwel numru ta' din ir-rivista mindu ntgħażel il-Kumitat il-ġdid fil-bidu ta' din is-sena, huwa xieraq li nfissru l-ħajr ta' l-Akkademja (tal-Għaqda tal-Kittieba) tal-Malti lill-Kav. il-Prof. Ġużè Galea, M.B.E., M.D., D.P.H., F.R.S.H., għax-xogħol kbir u siewi li huwa għamel fl-interess tal-Akkademja tul dan iż-żmien twil — li jaqbeż fil-wisgħa nofs għomor ta' bniedem magħmul.*

*Il-Prof. Galea kien inħatar President tal-Akkademja f'lok Dun Karm fl-1942, u baqa' f'dik il-kariga magħżul mill-ġdid f'kull laqgħa ġenerali li saret għalhekk minn dak iż-żmien, avolja huwa kien ipprova jħalli l-post biex ikun maħtur xi ħadd ieħor floku qabel; il-membri akkademiċi kollha jiftakru kemm kien ħabrek għal dan il-għan biex Dr. Antonio Cremona — is-Sur Nin — ikun jista' jagħlaq ir-rabta li kellu mal-Akkademja bħala President — tħabrik li falla billi s-Sur Nin xtaq jingabar Għawdex meta ħass it-tmiem riesaq.*

*Kien mertu kbir tiegħu li l-Akkademja għadha magħna u li għaddiet b'għaqal kbir minn fost il-buffuri kollha tal-ħajja soċjali, ekonomika, politika, reliġjuża tal-pajjiż b'rasha merfugħa 'l fuq, bla mittiefsa, u bla ma warrbet imqar nitfa mill-idijal tagħha ta'*

*"MALTA FL-ILSIEN U L-QALB, MALTA MALTIJA."*

*Dawk li huma mimlijin bil-għomor sew għadhom jiftakru tajjeb il-kriżijiet kostituzzjonali u mhumiex, nazzjonali u partitarji li Malta għaddiet minnhom tul iż-żmien li l-Professur Galea kien President tal-Akkademja u kulħadd jagħraf kif l-Akkademja baqgħet għaddejja taqta' għad-dritt — ħaġa li għandha tibqa' mera bl-istess mod li hija kienet il-mera tat-tattika ta' l-ewwel żewġ Presidenti ta' l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti: is-Sur Ġużè Muscat Azzopardi L.P. u l-poeta nazzjonali, il-Mons Dun Karm Psaila, C.B.E., D. Litt. (Hon. Causa).*